II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1582

**tal-25 ta' Settembru 2019**

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-imazalil f'ċerti prodotti jew fuqhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Għall-imazalil, il-limiti massimi ta' residwu (MRLs) ġew stabbiliti fl-Anness II u l-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressqet opinjoni motivata dwar l-MRLs eżistenti għall-imazalil f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ([2]). Hija rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-patata, it-tadam, il-ħbub tax-xgħir, il-ħbub tal-ħafur, il-ħbub tas-segala u l-ħbub tal-qamħ. Għal ċerti prodotti oħrajn hija rrakkomandat li jiżdied il-livell tal-MRLs eżistenti.

(3) L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward ta' ċerti MRLs, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskju. Mill-perspettiva tal-ġestjoni tar-riskji, huwa xieraq li jiġu stabbiliti MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità għall-frott taċ-ċitru, il-frawli, it-tut, il-lampun, il-qargħa bagħli, il-bettieħ u l-muskoli, it-tessut tax-xaħam, il-fwied u l-kliewi tal-ħnieżer, tal-bovini u tal-ekwini, kif ukoll il-ħalib tal-bhejjem tal-ifrat u l-ħalib taż-żwiemel, billi għal dawk il-prodotti, kienet disponibbli informazzjoni limitata u l-Awtorità dderivat MRLs li ma jqajmux tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Dawk l-MRLs se jiġu riveduti; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju, huwa xieraq li jiġu stabbiliti MRLs fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fl-MRL prestabbilit kif stabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 għall-frott taż-żerriegħa, il-kaki, il-banana u l-bżar ħelu/kapsikum, billi, għal dawk il-prodotti, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli li minnha l-Awtorità setgħet tikseb MRLs li ma jqajmux tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

(4) L-awtorità indikat li l-MRLs derivati għall-imazalil fil-grejpfrut, fil-lariġ, fit-tuffieħ, fil-lanġas, fil-banana, fil-patata u fil-fwied tal-bovini, kif ukoll il-limitu massimu ta' residwi tal-Codex (CXL) li fuqhom huwa bbażat l-MRL tal-UE għan-naspli, jistgħu jqajmu tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Filwaqt li qieset l-informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-grejpfrut, għal-lariġ u għall-patata, hija dderivat MRLs alternattivi għall-grejpfrut, għal-lariġ, għall-patata u għall-fwied tal-bovini li ma jqajmux dan it-tħassib. Fir-rigward tal-MRLs għat-tuffieħ, il-lanġas, in-naspli u l-banana, l-Awtorità indikat li l-maniġers tar-riskju jistgħu jikkunsidraw li jissettjawhom fil-limitu speċifiku ta' determinazzjoni jew fuq l-MRL prestabbilit skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.
([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Review of the existing maximum residue levels for imazalil according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. *EFSA Journal 2017*;15(9):4977.

(5) L-awtorità pproponiet definizzjonijiet riveduti tar-residwu. Jixraq li d-definizzjonijiet tar-residwu jinbidlu kif xieraq.

(6) B'mod indipendenti mir-reviżjoni tal-MRL imwettqa skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament biex jiġu mmodifikati l-MRLs eżistenti għall-imażalil fi frott taċ-ċitru, tuffieħ, lanġas, banana u patata u fi prodotti li joriġinaw mill-annimali.

(7) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawn l-applikazzjonijiet ġew ivvalutati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' valutazzjoni tressqu lill-Kummissjoni.

(8) F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Awtorità vvalutat l-applikazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali u tat l-opinjoni motivata ([3]) tagħha dwar l-MRLs proposti. Għaddiet dik l-opinjoni lill-applikanti, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u ppubblikatha.

(9) Fl-opinjoni motivata tagħha, l-Awtorità kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li l-MRLs għall-użi maħsuba ma setgħux jiġu emendati qabel ma titlesta l-valutazzjoni tar-riskju għall-metaboliti tal-pjanti R014821, FK-772 u FK-284 fir-rigward tal-ġenotossiċità u t-tossiċità ġenerali. Ikkonkludiet ukoll li ċerta informazzjoni identifikata bħala mhux disponibbli fir-reviżjoni tal-MRL imwettqa skont l-Artikolu 12(1) ta' dak ir-Regolament tressqet mal-applikazzjoni skont l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament.

(10) Minħabba l-adozzjoni tal-opinjoni motivata skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 wara l-adozzjoni tal-opinjoni motivata skont l-Artikolu 12(1) ta' dak ir-Regolament u n-natura orizzontali tat-tħassib dwar it-tossiċità identifikat għall-metaboliti tal-imazalil R014821, FK-772 u FK-284, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex taġġorna l-opinjoni motivata tagħha dwar l-MRLs eżistenti għall-imazalil skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(11) L-Awtorità ressqet opinjoni motivata ([4]) li taġġorna r-reviżjoni tal-MRLs eżistenti għall-imazalil fuq il-bażi tal-informazzjoni tossikoloġika ġdida.

(12) F'dik l-opinjoni motivata, l-Awtorità dderivat l-istess MRLs bħal dawk fl-opinjoni motivata tagħha skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, ħlief għall-frott taċ-ċitru, għall-bettieħ u għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Għal dawn il-prodotti, ma pproponietx MRLs, għaliex ma setgħetx tiffinalizza l-valutazzjoni tal-proprjetajiet tossikoloġiċi tal-metabolit R014821.

(13) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 705/2011 ([5]) ġedded l-approvazzjoni tal-imazalil skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Filwaqt li fil-valutazzjoni tar-riskju ta' qabel l-adozzjoni ta' dak ir-Regolament, l-Awtorità kienet identifikat inċertezzi rigward il-proprjetajiet tossikoloġiċi tal-metabolit R014821 ([7]), il-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni ma kinux ristretti f'dan ir-rigward fl-istadju tal-ġestjoni tar-riskju. Tagħrif addizzjonali dwar il-proprjetajiet tossikoloġiċi tal-metabolit R014821 sottomess mal-applikazzjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ma indirizzax għal kollox dawk l-inċertezzi iżda lanqas ma wassal għal żieda fil-livell ta' tħassib. Minn perspettiva ta' ġestjoni tar-riskju, huwa konsistenti u xieraq li jiġu stabbiliti MRLs għal dawk il-prodotti li għalihom l-Awtorità fl-opinjoni motivata tagħha skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 idderivat MRLs li ma jqajmux tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell eżistenti jew fil-livell identifikat mill-Awtorità.

(14) Is-CXLs eżistenti ġew ikkunsidrati fl-opinjonijiet motivati tal-Awtorità. Is-CXLs li huma sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni ġew ikkunsidrati għall-iffissar tal-MRL.

(15) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma jeżistu l-ebda tolleranzi tal-importazzjoni jew CXLs, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni jew jenħtieġ li japplika l-MRL prestabbilit, kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

---

([3]) European Food Safety Authority; Modification of the existing maximum residue levels for imazalil in various commodities. *EFSA Journal 2018*;16(6):5329.

([4]) European Food Safety Authority; Reasoned Opinion on the updated review of the existing maximum residue levels for imazalil according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005 following new toxicological information. *EFSA Journal 2018*;16(10):5453.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 705/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li japprova s-sustanza attiva imażalil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 190, 21.7.2011, p. 43).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([7]) European Food Safety Authority; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance imazalil. *EFSA Journal 2010*, 8(3):1526.

(16) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-bżonn li jiġu adattati ċerti limiti ta' determinazzjoni. Dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżvilupp tekniku jirrikjedi li jiġu stabbiliti limiti speċifiċi ta' determinazzjoni.

(17) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(18) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom tqiesu.

(19) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(20) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li għalihom jintwera li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(21) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs immodifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jkunu konformi mar-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat permezz ta' dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-16 ta' April 2020, ħlief għall-grejpfrut, il-lariġ, it-tuffieħ, il-lanġas, in-naspli, il-banana, il-patata u l-fwied tal-bovini.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-16 ta' April 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-kolonna għall-imazalil tinbidel b'dan li ġej:

"**Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)**

| Numru tal-Kodiċi | Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a] | Imazalil (kwalunkwe proporzjon tal-isomeri kostitwenti) (R) |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 0100000 | **FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR** | |
| 0110000 | **Frott taċ-ċitru** | |
| 0110010 | Grejpfrut | 4 (+) |
| 0110020 | Larinġ | 4 (+) |
| 0110030 | Lumi | 5 (+) |
| 0110040 | Xkomp | 5 (+) |
| 0110050 | Mandolin | 5 (+) |
| 0110990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |
| 0120000 | **Ġewż tas-siġar** | 0,01 (*) |
| 0120010 | Lewż | |
| 0120020 | Ġewż tal-Brażil | |
| 0120030 | Ġewż tal-anakardju | |
| 0120040 | Qastan | |
| 0120050 | Ġewż tal-Indi | |
| 0120060 | Ġellewż | |
| 0120070 | Macadamia | |
| 0120080 | Ġewż Amerikan | |
| 0120090 | Qlub tal-ġewż tal-arżnu | |
| 0120100 | Pistaċċi | |
| 0120110 | Ġewż | |
| 0120990 | Oħrajn (2) | |
| 0130000 | **Pomu** | 0,01 (*) |
| 0130010 | Tuffieħ | |
| 0130020 | Lanġas | |
| 0130030 | Sfarġel | |
| 0130040 | Naspli | |
| 0130050 | Naspli tal-Ġappun | |
| 0130990 | Oħrajn (2) | |
| 0140000 | **Frott tal-għadma** | 0,01 (*) |
| 0140010 | Berquq | |
| 0140020 | Ċiras (ħelu) | |
| 0140030 | Ħawħ | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0140040 | Għanbaqar | |
| 0140990 | Oħrajn (2) | |
| 0150000 | **Kukku u frott żgħir ieħor** | |
| 0151000 | (a) *għeneb* | 0,01 (*) |
| 0151010 | Għeneb tal-mejda | |
| 0151020 | Għeneb għall-inbid | |
| 0152000 | (b) *frawli* | 2 |
| 0153000 | (c) *frott tal-kannamiela* | |
| 0153010 | Tut | 2 |
| 0153020 | Tut salvaġġ | 0,01 (*) |
| 0153030 | Lampun (aħmar u isfar) | 2 |
| 0153990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |
| 0154000 | (d) *frott żgħir u kukku oħrajn* | 0,01 (*) |
| 0154010 | Mirtill | |
| 0154020 | Cranberries | |
| 0154030 | Ribes (ħamra, sewda u bajda) | |
| 0154040 | Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor) | |
| 0154050 | Warda skoċċiża | |
| 0154060 | Ċawsli (iswed u abjad) | |
| 0154070 | Għanżalor/naspli tal-Mediterran | |
| 0154080 | Frott tas-sebuqa | |
| 0154990 | Oħrajn (2) | |
| 0160000 | **Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:** | 0,01 (*) |
| 0161000 | (a) *b'qoxra li tittiekel* | |
| 0161010 | Tamal | |
| 0161020 | Tin | |
| 0161030 | Żebbuġ tal-mejda | |
| 0161040 | Larinġ tal-qsari | |
| 0161050 | Karambola | |
| 0161060 | Kaki | |
| 0161070 | Għanbaqar ta' Ġava | |
| 0161990 | Oħrajn (2) | |
| 0162000 | (b) *b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir* | |
| 0162010 | Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar) | |
| 0162020 | Liċċi | |
| 0162030 | Frott tal-passjoni | |
| 0162040 | Bajtar tax-xewk | |
| 0162050 | Tuffieħ stilla | |
| 0162060 | Frott tal-kaki tal-Virġinja | |
| 0162990 | Oħrajn (2) | |
| 0163000 | (c) *b'qoxra li ma tittikilx, u kbir* | |
| 0163010 | Avokado | |
| 0163020 | Banana | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0163030 | Mango | |
| 0163040 | Papaja | |
| 0163050 | Rummien | |
| 0163060 | Ċerimoja | |
| 0163070 | Gwava | |
| 0163080 | Ananas | |
| 0163090 | Frotta tas-siġra tal-ħobż | |
| 0163100 | Durian | |
| 0163110 | Il-frotta tal-annona | |
| 0163990 | Oħrajn (2) | |
| 0200000 | **ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT** | |
| 0210000 | **Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi** | 0,01 (*) |
| 0211000 | (a) *patata* | |
| 0212000 | (b) *ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi* | |
| 0212010 | Għeruq tal-kassava | |
| 0212020 | Patata ħelwa | |
| 0212030 | Jammijiet | |
| 0212040 | Ararut | |
| 0212990 | Oħrajn (2) | |
| 0213000 | (c) *ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa* | |
| 0213010 | Pitravi | |
| 0213020 | Zunnarija | |
| 0213030 | Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi | |
| 0213040 | Għeruq tal-mustarda | |
| 0213050 | Artiċokks | |
| 0213060 | Zunnarija bajda | |
| 0213070 | Tursin ta' Hamburg | |
| 0213080 | Ravanell | |
| 0213090 | Leħjet il-bodbod | |
| 0213100 | Swedes | |
| 0213110 | Lift | |
| 0213990 | Oħrajn (2) | |
| 0220000 | **Ħxejjex tal-basla** | 0,01 (*) |
| 0220010 | Tewm | |
| 0220020 | Basal | |
| 0220030 | Xalotti | |
| 0220040 | Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales | |
| 0220990 | Oħrajn (2) | |
| 0230000 | **Ħxejjex tal-frott** | |
| 0231000 | (a) *Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae *u tal-familja tal-*Malvaceae | |
| 0231010 | Tadam | 0,3 |
| 0231020 | Bżar ħelu | 0,01 (*) |
| 0231030 | Brunġiel | 0,01 (*) |
| 0231040 | Bamja | 0,01 (*) |
| 0231990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0232000 | (b) *kukurbiti b'qoxra li tittiekel* | |
| 0232010 | Ħjar | 0,5 |
| 0232020 | Ħjar tal-pikles | 0,5 |
| 0232030 | Zukkini | 0,1 (+) |
| 0232990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |
| 0233000 | (c) *kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx* | |
| 0233010 | Bettieħ | 2 (+) |
| 0233020 | Qara' aħmar | 0,01 (*) |
| 0233030 | Dulliegħ | 0,01 (*) |
| 0233990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |
| 0234000 | (d) *qamħirrum ħelu* | 0,01 (*) |
| 0239000 | (e) *ħxejjex tal-frott oħrajn* | 0,01 (*) |
| 0240000 | **Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)** | 0,01 (*) |
| 0241000 | (a) *Brassika li tagħmel il-fjuri* | |
| 0241010 | Brokkli | |
| 0241020 | Pastard | |
| 0241990 | Oħrajn (2) | |
| 0242000 | (b) *kaboċċi kkapoċċati* | |
| 0242010 | Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk | |
| 0242020 | Kaboċċa kkapoċċati | |
| 0242990 | Oħrajn (2) | |
| 0243000 | (c) *brassika bil-weraq* | |
| 0243010 | Kaboċċi Ċiniżi | |
| 0243020 | Kaboċċi ('kales') | |
| 0243990 | Oħrajn (2) | |
| 0244000 | (d) *ġdur* | |
| 0250000 | **Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu** | |
| 0251000 | (a) *ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata* | 0,01 (*) |
| 0251010 | Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ | |
| 0251020 | Ħass | |
| 0251030 | Skalora/indivja bil-weraq wesgħin | |
| 0251040 | Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn | |
| 0251050 | Krexxuni tal-art | |
| 0251060 | Aruka | |
| 0251070 | Mustarda ħamra | |
| 0251080 | Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika) | |
| 0251990 | Oħrajn (2) | |
| 0252000 | (b) *spinaċi u weraq simili* | 0,01 (*) |
| 0252010 | Spinaċi | |
| 0252020 | Burdlieq | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0252030 | Weraq tas-selq | |
| 0252990 | Oħrajn (2) | |
| 0253000 | (c) *weraq tad-dwieli u speċijiet simili* | 0,01 (*) |
| 0254000 | (d) *krexxuni* | 0,01 (*) |
| 0255000 | (e) *ċikwejra* | 0,01 (*) |
| 0256000 | (f) *ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu* | 0,02 (*) |
| 0256010 | Maxxita | |
| 0256020 | Kurrat selvaġġ | |
| 0256030 | Weraq tal-karfus | |
| 0256040 | Tursin | |
| 0256050 | Salvja | |
| 0256060 | Klin | |
| 0256070 | Timu | |
| 0256080 | Ħabaq u fjuri li jittieklu | |
| 0256090 | Weraq tar-rand | |
| 0256100 | Stregun | |
| 0256990 | Oħrajn (2) | |
| 0260000 | **Legumi** | 0,01 (*) |
| 0260010 | Fażola (bl-imżiewed) | |
| 0260020 | Fażola (bla mżiewed) | |
| 0260030 | Piżelli (bl-imżiewed) | |
| 0260040 | Piżelli (bla mżiewed) | |
| 0260050 | Għads | |
| 0260990 | Oħrajn (2) | |
| 0270000 | **Ħxejjex biz-zokk** | 0,01 (*) |
| 0270010 | Spraġ | |
| 0270020 | Kardun | |
| 0270030 | Krafes | |
| 0270040 | Bużbież ta' Firenze | |
| 0270050 | Qaqoċċ | |
| 0270060 | Kurrat | |
| 0270070 | Rabarbru | |
| 0270080 | Rimi tal-pjanta tal-bambu | |
| 0270090 | Qlub tal-palm | |
| 0270990 | Oħrajn (2) | |
| 0280000 | **Faqqiegħ, ħażiż u likeni** | 0,01 (*) |
| 0280010 | Faqqiegħ ikkultivat | |
| 0280020 | Faqqiegħ salvaġġ | |
| 0280990 | Ħażiż u likeni | |
| 0290000 | **Alka u organiżmi prokarjoti** | 0,01 (*) |
| 0300000 | **BUS U ĦEMES** | 0,01 (*) |
| 0300010 | Fażola | |
| 0300020 | Għads | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0300030 | Piżelli | |
| 0300040 | Lupini/fażola tal-lupini | |
| 0300990 | Oħrajn (2) | |
| 0400000 | **ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT** | 0,01 (*) |
| 0401000 | **Żrieragħ taż-żejt** | |
| 0401010 | Żerriegħa tal-kittien | |
| 0401020 | Karawett | |
| 0401030 | Żerriegħa tal-peprin | |
| 0401040 | Ġulġlien | |
| 0401050 | Żerriegħa tal-ġirasol | |
| 0401060 | Żerriegħa tal-lift | |
| 0401070 | Fażola tas-sojja | |
| 0401080 | Żerriegħa tal-mustarda | |
| 0401090 | Żerriegħa tal-qoton | |
| 0401100 | Żerriegħa tal-qara' aħmar | |
| 0401110 | Żrieragħ tal-għosfor | |
| 0401120 | Żerriegħa tal-fiddloqom | |
| 0401130 | Żerriegħa tal-*camelina sativa* | |
| 0401140 | Qannebusa | |
| 0401150 | Fażola tar-riġnu | |
| 0401990 | Oħrajn (2) | |
| 0402000 | **Frott taż-żejt** | |
| 0402010 | Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt | |
| 0402020 | Qlub tal-palm taż-żejt | |
| 0402030 | Il-frott tal-palm taż-żejt | |
| 0402040 | Kapok | |
| 0402990 | Oħrajn (2) | |
| 0500000 | **ĊEREALI** | 0,01 (*) |
| 0500010 | Xgħir | |
| 0500020 | Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn | |
| 0500030 | Qamħirrum | |
| 0500040 | Millieġ komuni | |
| 0500050 | Ħafur | |
| 0500060 | Ross | |
| 0500070 | Segala | |
| 0500080 | Sorgu | |
| 0500090 | Qamħ | |
| 0500990 | Oħrajn (2) | |
| 0600000 | **TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB** | 0,05 (*) |
| 0610000 | **Tejiet** | |
| 0620000 | **Kafeni** | |
| 0630000 | **Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:** | |
| 0631000 | (a) *mill-fjuri* | |
| 0631010 | Kamumella | |
| 0631020 | Ibisku | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0631030 | Ward | |
| 0631040 | Ġiżimin | |
| 0631050 | Tilju | |
| 0631990 | Oħrajn (2) | |
| 0632000 | (b) *mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi* | |
| 0632010 | Frawla | |
| 0632020 | Rooibos | |
| 0632030 | Matè/Te tal-Paragwaj | |
| 0632990 | Oħrajn (2) | |
| 0633000 | (c) *mill-għeruq* | |
| 0633010 | Valerjana | |
| 0633020 | Ġinseng | |
| 0633990 | Oħrajn (2) | |
| 0639000 | (d) *minn kull parti oħra tal-pjanta* | |
| 0640000 | **Żerriegħa tal-Kawkaw** | |
| 0650000 | **Ħarrub** | |
| 0700000 | **ĦOPS** | 0,05 (*) |
| 0800000 | **ĦWAWAR** | |
| 0810000 | **Ħwawar taż-żerriegħa** | 0,05 (*) |
| 0810010 | Ħlewwa | |
| 0810020 | Kemmun iswed | |
| 0810030 | Karfus | |
| 0810040 | Kosbor | |
| 0810050 | Kemmun | |
| 0810060 | Xibt | |
| 0810070 | Bużbież | |
| 0810080 | Fienu | |
| 0810090 | Noċemuskata | |
| 0810990 | Oħrajn (2) | |
| 0820000 | **Ħwawar tal-frott** | 0,05 (*) |
| 0820010 | Bżar tal-Ġamajka/piment | |
| 0820020 | Bżar tas-Sichuan | |
| 0820030 | Karwija | |
| 0820040 | Kardamomu | |
| 0820050 | Frott tal-ġnibru | |
| 0820060 | Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod) | |
| 0820070 | Vanilja | |
| 0820080 | Tamar tal-Indja/tamarindi | |
| 0820990 | Oħrajn (2) | |
| 0830000 | **Ħwawar tal-qoxra tas-siġar** | 0,05 (*) |
| 0830010 | Kannella | |
| 0830990 | Oħrajn (2) | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 0840000 | **Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi** | |
| 0840010 | Għud is-sus | 0,05 (*) |
| 0840020 | Ġinġer (10) | 0,05 (*) |
| 0840030 | Żagħfran tal-Indja/kurkuma | 0,05 (*) |
| 0840040 | Għerq tal-mustarda (11) | |
| 0840990 | Oħrajn (2) | 0,05 (*) |
| 0850000 | **Ħwawar tal-blanzuni** | 0,05 (*) |
| 0850010 | Imsiemer tal-qronfol | |
| 0850020 | Kappar | |
| 0850990 | Oħrajn (2) | |
| 0860000 | **Il-ħwawar ta' qalb il-fjura** | 0,05 (*) |
| 0860010 | Żagħfran | |
| 0860990 | Oħrajn (2) | |
| 0870000 | **Ħwawar tal-aril** | 0,05 (*) |
| 0870010 | Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata | |
| 0870990 | Oħrajn (2) | |
| 0900000 | **PJANTI TAZ-ZOKKOR** | 0,01 (*) |
| 0900010 | Pitravi ħelu | |
| 0900020 | Kannamieli | |
| 0900030 | Għeruq taċ-Ċikwejra | |
| 0900990 | Oħrajn (2) | |
| 1000000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI** | |
| 1010000 | **Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:** | |
| 1011000 | (a) *mill-ħnieżer* | 0,02 (*) |
| 1011010 | Muskoli | (+) |
| 1011020 | Xaħam | (+) |
| 1011030 | Fwied | (+) |
| 1011040 | Kliewi | (+) |
| 1011050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1011990 | Oħrajn (2) | |
| 1012000 | (b) *mill-annimali bovini* | |
| 1012010 | Muskoli | 0,02 (*) (+) |
| 1012020 | Xaħam | 0,02 (*) (+) |
| 1012030 | Fwied | 0,03 (+) |
| 1012040 | Kliewi | 0,02 (*) (+) |
| 1012050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 (*) |
| 1012990 | Oħrajn (2) | 0,02 (*) |
| 1013000 | (c) *min-nagħaġ* | 0,01 (*) |
| 1013010 | Muskoli | |
| 1013020 | Xaħam | |
| 1013030 | Fwied | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1013040 | Kliewi | |
| 1013050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1013990 | Oħrajn (2) | |
| 1014000 | (d) *mill-mogħoż* | 0,01 (*) |
| 1014010 | Muskoli | |
| 1014020 | Xaħam | |
| 1014030 | Fwied | |
| 1014040 | Kliewi | |
| 1014050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1014990 | Oħrajn (2) | |
| 1015000 | (e) *mill-ekwini* | |
| 1015010 | Muskoli | 0,02 (*) (+) |
| 1015020 | Xaħam | 0,02 (*) (+) |
| 1015030 | Fwied | 0,03 (+) |
| 1015040 | Kliewi | 0,02 (*) (+) |
| 1015050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | 0,02 (*) |
| 1015990 | Oħrajn (2) | 0,02 (*) |
| 1016000 | (f) *mill-pollam* | 0,01 (*) |
| 1016010 | Muskoli | |
| 1016020 | Xaħam | |
| 1016030 | Fwied | |
| 1016040 | Kliewi | |
| 1016050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1016990 | Oħrajn (2) | |
| 1017000 | (g) *minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn* | 0,01 (*) |
| 1017010 | Muskoli | |
| 1017020 | Xaħam | |
| 1017030 | Fwied | |
| 1017040 | Kliewi | |
| 1017050 | Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) | |
| 1017990 | Oħrajn (2) | |
| 1020000 | **Ħalib** | |
| 1020010 | Bhejjem tal-ifrat | 0,02 (*) (+) |
| 1020020 | Nagħaġ | 0,01 (*) |
| 1020030 | Mogħoż | 0,01 (*) |
| 1020040 | Żwiemel | 0,02 (*) (+) |
| 1020990 | Oħrajn (2) | 0,01 (*) |
| 1030000 | **Bajd tal-għasafar** | 0,01 (*) |
| 1030010 | Tiġieġ | |
| 1030020 | Papri | |
| 1030030 | Wiżż | |
| 1030040 | Summien | |
| 1030990 | Oħrajn (2) | |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| 1040000 | **Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)** | 0,05 (*) |
| 1050000 | **Amfibji u Rettili** | 0,01 (*) |
| 1060000 | **Annimali terrestri invertebrati** | 0,01 (*) |
| 1070000 | **Annimali vertebrati terrestri slavaġ** | 0,01 (*) |
| 1100000 | **PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)** | |
| 1200000 | **PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)** | |
| 1300000 | **PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)** | |

(*) Limitu tal-kwantifikazzjoni analitika

(**) Il-kombinazzjoni tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi li għaliha japplika l-MRL stabbilit fil-Parti B tal-Anness III.

([a]) Il-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, tinsab fl-Anness I.

**Imazalil (kwalunkwe proporzjon tal-isomeri kostitwenti) (R)**

(R) = Id-definizzjoni ta' residwu tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin tal-pestiċida u n-numru tal-kodiċi: imazalil - il-kodiċi 1000000 ħlief 1040000: is-somma ta' imazalil u l-metaboli FK-772 (kwalunkwe proporzjon tal-isomeri kostitwenti), expressa bħala imazalil

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar it-tossiċità tal-metaboliti bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa tas-26 ta' Settembru 2021, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0110010 Grejpfrut**

**0110020 Lariġ**

**0110030 Lumi**

**0110040 Xkomp**

**0110050 Mandolin**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat nuqqas ta' disponibbiltà ta' xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwu. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa tas-26 ta' Settembru 2021, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0232030 Qargħa bagħli**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar it-tossiċità tal-metaboliti bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa tas-26 ta' Settembru 2021, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**0233010 Bettieħ**

(+) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar it-tossiċità tal-metaboliti u l-istabbiltà għall-ħżin bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk din tintbagħat sa tas-26 ta' Settembru 2021, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

**1011010 Muskoli**

**1011020 Xaħam**

**1011030 Fwied**

**1011040 Kliewi**

**1012010 Muskoli**

**1012020 Xaħam**

**1012030 Fwied**

**1012040 Kliewi**

**1015010 Muskoli**

**1015020 Xaħam**

**1015030 Fwied**

**1015040 Kliewi**

**1020010 Bhejjem tal-ifrat**

**1020040 Żwiemel**"

(2) Fil-Parti B tal-Anness III, il-kolonna għall-imazalil titħassar.